KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 76** **Ħamis 30 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:28pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Danny Farrugia - Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
George Borg – Kunsillier

**ASSENTI:**
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**MISTIEDEN:** Daniel Galea - Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Borg. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Borg.

Fis 6:30pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu l-*items* 76.5.3 Audit Financial Statements 2023, u 76.5.2 Quarterly Report 1: Jannar sa Marzu 2024.

**76.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti numri 75.**

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – 'Byelaw' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Sindku nforma li jrid jiffinalizza din il *bye-law*, fejn il-ġnien ġie maqsum f'żoni bi prezz f'kull żona u prezz ieħor għal min jkun jixtieq juża l-ġnien kollu.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**

Is-Sindku nforma li l-*floodlights* temporanji fil-pjazza saru.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**

Is-Sindku nforma li l-perit tal-Kunsill għadu ma lestiex il-BOQ, fejn is-Sindku fakkar lil-membri preżenti li dan il-fond ta' l-ERA ser jintuża għax-xogħol strutturali f'dan l-ġibjun ġewwa ġnien l-Għarusa tal-Mosta kif ukoll qlugħ ta' siġar invażivi kif talbu l-ERA, u għalhekk bħala *finishing* tal-*belvedere* ħafna mix-xogħol irid jsir mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Perit tal-Kunsill ċempel biex jiltaqà mas-Sindku dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-BOQ. Is-Sindku nforma li għad ma ltaqawx.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-avukat informa li lesta l-abbozz u kellu jibgħatu lid-DLG għal approvazzjoni, u għad qed tistenna *feedback* mil-avukat tal-Kunsill.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**

Is-Sindku nforma li l-lista tal-monti qed tiġi konkluża mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, però x-xogħol fuq l-ispustjar tal-monti issa trid issir minn Kunsill ġdid elett.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk it-10% li huwa il *pre-financing* li rridu nagħtu lil Project Green (PG) liema somma hija ta' madwar €200,000, hijiex imniżżla fl-*accounts* li għadu kemm ippreżenta l-*accountant* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-€200,000 u 6% spejjeż tal-perit mhux ser jkunu mdaħħlin fl-*accounts* imma fil-baġit, u għalhekk jrid jsir *review* tal-baġit ma l-*accountant* tal-Kunsill li jinkludi l-pjan ta' ħidma għal 5 snin li ġejjin. Dan ma sarx għax għadna ma ffirmajnhiex l-*agreement.*

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar kif il-Kunsill jista' joħroġ din is-somma peress li l-Kunsill m'għandux il-fondi, għalkemm il-membri preżenti ma jsibux problema li jkun iffirmat l-MoU. Is-Sindku nforma li 10% tas-somma ser titħallas fis-snin 2025/2026. Is-Sindku nforma li l-10% il-Kunsill ma joħroġiex ma l-iffirmar ta' l-MoU, u x-xogħol jista' jkun jitlesta sa 2026. Tkompliet id-diskussjoni, u l-membri preżenti qablu li jkun iffirmat l-MoU bejn il-Kunsill u Project Green.

Is-Sindku nforma li la darba jiġi ffirmat l-MOU, PG ser jgħaddu l-ammont ta' flus lill-Kunsill bħala *pre-financing*. Madankollu il-Kunsill irid iwarrab u jfaddal dawn il-flus speċifikament għal dan il-proġett.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**

Is-Sindku nforma li ltaqaw fuq il-post u ddefinixxu min fejn ser jieħdu s-*supply* ta' l-elettriku biex jiġu nstallati l-*pelican crossings*.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Rigward ir-*roundabout* tal-LIDL, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tkellmet mal-konsulent biex tinħareġ espressjoni ta' interess fuq dawn il-kriterji maqbula f-laqgħa numru 71;

- l-Kunsill ma jkunx obbligat li jmur għal irħas proposta,
- l-monument jkun jista' jinqala,
- sejħa toħroġ għal artisti Mostin,
- jkun hemm il-prezz ta' kemm jiġi jiswa u nstallat,
- d-disinn ma jkunx replikat f'xi raħal ieħor mill-artist.
- l-artist irid jagħti kas il-viżibilità għas-sewwieqa;

Is-Sindku stqarr li ma hemmx għalfejn nistennew laqgħa oħra imma din l-espressjoni ta' nteress għandha toħroġ minnufih.

Rigward il-Monument fil-pjazza 'Obelisk' li ġie approvat mill-Kunsilliera f'laqgħat preċedenti, s-Sindku stqarr li ser tidħol applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, fil-post hekk kif qabel il-Kumitat maħtur u l-Kunsilliera fl-laqgħat preċedenti.

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li din il-materja għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee,* kif wkoll hemm proprjetajiet ġodda fejn ma hemmx isem tat-triq.

**REF: 62.3.2 Tenders**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser jkun ippublikat immedjatament it-tender tal-knis, fejn illum bagħtna lid-DOI biex jikkonfermaw id-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż.

Il-Kunsillier Cassar nforma li kien hemm *press release* fejn il-Cleansing and Maintenance Division (CMD), għamlu kuntratt ma bosta Kunsilli fejn ser joffru s-servizz tal-knis. Is-Sindku nforma li l-aħħar kommunikazzjoni mas-CMD huwa li għad ma hemm xejn fl-immedjat bħala servizz tal-knis mis-CMD għal-Mosta, u kien għalhekk li l-Kunsilliera kienu qablu li noħorġu t-tender tal-knis minnufih.

**REF: 66.3.2 - Ċir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**
Is-Sindku nforma li tkellem mal-Ministru fuq din il-materja, fejn ser jkun proġett pilota fil-lokalità tal-Gudja fejn ser jagħmlu skema ta' *residential parking* fejn hemm zoni bit-*timed parking.* Dan il-proġett pilota irid jiġi estiż għal-lokalitajiet oħra, però irridu nistennew li joħorġu l-kriterji meħtieġa.

**REF: 66.3.5 Siġar tal-Ficus**
Is-Sindku nforma li għad ma hemmx *update* mil-ERA dwar is-siġar tal-ficus tal-Pjazza**.**
Huwa stqarr li Ambjent Malta qegħdin isaqqu dawn is-siġar huma regolarment.

**REF: 66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**
Is-Sindku nforma li rċevejna l-*maintenance agreement* biex jkun iffirmat.
Dan jinkludi medda ta' erba' snin, jiġifieri sa tmiem is-sena 2027 u jinkludi manutenzjoni tal-art, tat-tappieri u l-ħasil skond iż-żoni immarkati fl-appendiċi ta' dan il-ftehim.
Dan irid jidħol fil-*Business Plan.*
Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jkun iffirmat.

**REF: 66.4.4 Ħarġa Kulturali tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-aħħar ħarġa tal-Kunsill saret fi 23 ta' Mejju ġewwa Għawdex, u attendew 56. Matul din il-leġislatura ġew organizzati 22 ħarġa, u attendew 1336.

**REF: 67.4.12 Baġit**
Is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex il-kjarifiki mid-Development Planning Fund (DPF) dwar il-kuntratt tal-pjazza, liema kjarifiki ser jiġu rrisponduti. Madankollu l-flus tad-DPF għall-proġett tal-pjazza qegħdin mwarrba.

**REF: 67.4.7 Trasport Pubbliku**
Is-Sindku nforma li ma hemmx *update* dwar is-servej.

**REF: 67.4.9 Triq Ġużeppi Callus u toroq tal-madwar (Torri, Xorxa, parti minn Cassar, Ċejlu Tonna u Mitħna l-Qadima kif ukoll pjazza Mitħna)**
Is-Sindku nforma li beda lis-*scarifying* ta' triq Callus, il-pjazza ta' triq il-Mitħna l-Qadima, parti min triq il-Mitħna l-Qadima, parti min triq it-Torri sa tarf triq Ċejlu Tonna. Dawn ser jingħataw il-qiegħ tat-tarmak u jinżebgħu temporanjament għax il-wiċċ tat-tarmak ser isir aktar tard.
Rigward il-kumplament tat-triq it-Torri, minn tarf triq Ċejlu Tonna sa triq Kungress Ewkaristiku, ser isir aktar tard malli possibbilment tispiċċa l-iskola. Fi triq it-Torri fadal isir trinka u *cable* ġdid għat-tisħiħ tad-distribuzzjoni tad-dawl mill-Enemalta, *dual main* ta' l-ilma u sistema ta' drenaġġ ġdid.

Il-Kunsillier Cassar talab biex il-*build outs* fil-kantunieri ma jsirux, jew jkunu evitati. Is-Sindku nforma li dawn huma prattika li jsiru kull fejn qed isiru toroq ġodda għar-raġuni biex ma jipparkjawx vetturi fil-kantunieri u jostakolaw it-traffiku u l-wisa' ta' dawn il-*build outs* dejjem tkun linja mall-parkeġġi. Ħaġa oħra hija wkoll li kull fejn hemm *cabinets* ta' servizzi fuq il-bankini, li hemm ħafna, b'dawn il-*build outs qed* ikun hemm aċċess aħjar għal kulħadd għax dawn il-*cabinets* kienu qed jimblokkaw bosta bankini.

Is-Sindku nforma li Sqaq Xorxa ser jinbeda u ser isir bil-*concrete imprint* flimkien miegħu l-madum tal-qawwi/porfido tal-*public open space* tal-pjazza Mitħna l-Qadima. Fi Sqaq Xorxa ser jinbidel il-mejn tal-ilma u ser issir sistema tal-għargħar biex jintlaqgħa l-ilma minn triq Gafa. Dawn tal-aħħar huma parti mix-xogħlijiet li s-Sindku f'isem il-Kunsill talab lill-Public Works biex isiru fost l-10 proġetti infrastrutturali mitluba fil-Mosta.

**REF: 71.3.2 Jupiter Roundabout**
Dwar il-materja jekk hux permissibbli u legali, li l-Kunsill jkun intermedjarju biex jgħaddi l-flus minn Infrastructure Malta (IM) għall-każin Santa Marija, is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex risposta mid-DLG. Is-Sindku nforma li is-CEO ta' IM kjarifika li sakemm jkunu segwiti l-proċeduri tal-*procurement* ma hemmx problema. Ovvjament, dan ma japplikax fuq mertu artistiku bħal l-istatwa. IM ser iħallsu fuq provediment ta' irċevuti fiskali.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
Is-Sindku nforma li l-PAMA għadhom ma rrispondewx.
Is-Sindku fakkar li kien bagħat imejl bil-proposta lil PAMA, fejn spjega li t-talba tal-Kunsill kienet ta' €270,000, fejn il-bankini ma kellhomx jammontaw għal aktar min €200,000 jew 4,200 metru kwadru, talab €10,000 għal ktieb, u li l-ispejjeż tal-perit, skont il-kuntratt mhux parti mis-somma imma spejjez tal-PAMA. Is-Sindku talab wkoll €10,000 f'interessi.

**REF: 71.3.6 Street Furniture**
Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-*bus shelter* tal-pjazza kien bagħat lura l-kuntratt b'xi reviżjoni mil-avukat tiegħu. Dan ġie rivedut u saru xi tibdiliet, u għalhekk issa jista' jiġi ffirmat.

**REF: 71.5.7 Xogħol tal-Enemalta minn Infrastructure Malta fil-Mosta**
Is-Sindku nforma li triq Farinal u triq Ponsonby ingħataw it-tarmak. Jidher li fejn hemm toroq residenzjali fejn sar xogħol ta' tisħiħ tad-distribuzzjoni tad-dawl mill-Enemalta, issa x-xogħol huwa magħluq.

Rigward Vjal Ragusa, l-Enemalta bagħtu jinfurmaw li min għada 31 ta' Mejju, bejn ir-*roundabout* tat-telgħa t'Alla w'Ommu sal-pont ser tiġi *two way*.

**REF: 72.5.4 Traffic Management**
Il-Kunsilliera Galea staqsiet għalfejn triq Ponsonby għada ma saritx, fejn is-Sindku nforma li għad trid tintbagħat ittra lir-residenti, u li fadal wkoll issir l-istess ħaġa Targa Gap hekk kif dawn fit-*Traffic Managements* ġew approvati mill-Kunsilliera f'laqgħat preċedenti.

**REF: 74.3.3 Eżamijiet tal-MATSEC**
Is-Sindku nforma li t-tabelli bid-direzzjoni tat-traffiku li juru Kulleġġ *Maria Regina* kif ukoll is-sistema tal-gwardjani maqbula bejn il-Kunsill u l-Matsec biex jingħalqu ċertu toroq irnexxew. Verament din kienet spiża għall-Kunsill, però r-residenti faħħru ħafna din l-inizzjattiva mill-kunsill għax qabel kien ikollhom inkonvenjent kbir.

Ir-residenti talbu biex din is-sistema hekk kif ġiet pjanata din is-sena tibqa' ssir mill-Kunsill fis-snin li ġejjin kull meta jkun hemm eżamijiet tal-MATSEC.

**REF: 74.4.2 Fondi LESA lil NGO's**
Is-Sindku nforma li l-LESA għandhom jibgħatu uffiċjalment biex nħabbru kif tqassmu l-fondi lil-għaqdiet. Il-LESA aċċettaw l-applikazzjonijiet kollha kif applikati però tan-Neokatekumenali Mosta ser jagħtuhom madwar 50% tat-talba.

**REF: 74.4.3 Triq iċ-Ċinju**
Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni ma Transport Malta ġiet approvata, u saru *speed bumps* u lis-*stop signs* fuq kull naħa tal-*junction.*

**REF: 74.5.2 Aċċess Temporanju mill-PAMA**
Is-Sindku nforma li l-ħajt fi triq il-Waqqafa ingħalaq kompletament, u t-tabelli ta' TM inqalgħu min IM u l-aċċess issa huwa magħluq. Il-Kunsill kif kien maqbul, għada ser jibda x-xogħol biex jinżergħu s-siġar, jinkesa u jitkaħħal il-ħajt u jsir ilqugħ għall-ħamrija bil-kurduna. Ser jinqalgħu siġar invażivi li hemm ukoll biex jitħawwlu siġar tal-ballut flokhom.

**REF: 75.4.1 Pavimentar li Nqala mil-Pjazza**
Is-Sindku nforma l-*handyman* għadu ma kejjilx.

**REF: 75.4.4 Traffic Lights fejn Casa Arkati**
Is-Sindku nforma li l-kuntrattur Spekna rranġa fil-parti li kienet imkissra, u għandhom jippruvaw jerġgħu jgħaddu l-*cable,* fejn is-Sindku nforma lis-sezzjoni tat-*traffic lights.*

**REF: 75.5.2 Proġetti MOU Public Works**
Is-Sindku nforma li wara li kien innegozja u ġab MoU biex jsir il-ġibjun mill-Public Works (PW), issa wkoll innegozja u ġab wkoll MoU ma Project Green biex jagħmlu l-proġett ta' ġnien Kevin Vella.

Is-Sindku nforma li bħala kundizzjoni fl-MoU, id-disinn ser isir mill-periti ta' Project Green (PG) però dan id-disinn finali jrid jiġi maqbul mall-Kunsill Lokali. PG ser jintroduċu *landscaping* kemm jista' jkun possibbli fejn fuq il-ġibjun ser jitħalla madwar metru għoli għall-ħamrija biex ikun hemm lok li jinżergħu s-siġar u l-arbuxxelli addattati li jsiru fuq is-saqaf tal-ġibjun.
Is-Sindku nforma li s-Segretarju Eżekuttiv nfurmatu li dan il-*playing field* kien ser jkun l-ewwel wieħed f'Malta u li l-*equipment* jista' jintuża wkoll min persuni b'diżabilità. Madankollu, l-Kunsillier Cassar stqarr li issa laħqu saru ġonna simili u allura mhux ser ikun l-ewwel wieħed ta' din ix-xorta.

Saret diskussjoni dwar l-*equipment,* u l-membri preżenti qablu li jekk jkun hemm xi bdil fil-pjanti, il-kunċett ta' dan il-ġnien għandu jkun li jibqa' aċċessibbli għal kulħadd.

Fir-rigward tal-proġetti s-Sindku nforma lil-membri preżenti kemm ser jiswew l-proġetti infrastrutturali li s-Sindku applika għalihom mall-Public Works f'isem il-Kunsill. Ma jfissirx li dawn ser isiru kollha.

1. Zona ta' quddiem iċ-ċentru ċiviku, biex issir kurduna u pavimentar madwar is-*soft areas* €106,494*;*
2. Bankina ta' madwar l-ECO *garden* ġnien Carmelo Dimech inkluż ħitan tas-sejjieħ €156,558.50;
3. Sta. Margerita *public open space* li jinkludi ħitan, *coping* tal-ħitan, kisi u tibjid tal-ħitan interni u bankina €187,057;
4. Ġnien żgħir fi triq il-Feniċi €74,181;
5. Tal-Qares, pavimentar madwar il-kappella u jkunu restawrati ħitan tas-sejjieħ; €191,243;
6. Sqaq San Anton Abbati biex jsir l-isqaq, bankina b'tal-qawwi bejn l-isqaq u l-kappella, *central strip* u l-bankina ta' faċċata li ssir b'tal-qawwi wkoll €248,363;
7. Sqaq Xorxa flimkien ma l-ispazju pubbliku ta' pjazza Mitħna l-Qadima fejn ser isir il-pavimentar, il-*coping* tal-qawwi/porfido pavimentar tal-qawwi, *road humps* tal-porfido u trejqa elevata tal-porfido ser isir b'dan il-fond ta' €154,038;
8. Parti min triq Kurat Schembri fejn illum hija konkos tiġi pavimentata flok il-konkos eżistenti, u ssir sistema tal-għargħar €93,583;
9. Triq Ġnejna inkluż pjazza Brittanja kollha bil-pavimentar €300,347.
10. Mill-arċipriet sal-pjazza tal-Lord Nelson isir bil-pavimentar flok tarmak €269,913;
11. Pjazza Torri ssir pavimentata flimkien mall-kumplament ta' sqaq Kurat Calleja, fejn ser jinbidlu s-sistemi tal-ilma u ta' drenaġġ €471,217.

Is-Sindku nforma li l-ewwel proġett huwa diġà lest. It-Tieni, it-tielet u r-raba proġetti huma mibdija u mistennija jkunu lesti sa Lulju.

Is-Seba' proġett huwa approvat u diġà nbeda xi xogħol fi Sqaq Xorxa, u t-tmien proġett huwa approvat u ser issir ukoll sistema tal-għargħar.

Il-ħdax il-proġett huwa approvat għaliex is-sistema ta' drenaġġ fi Sqaq Calleja hija spiċċuta u kien qed ikun hemm ħafna rapporti minn residenti ta' drenaġġ jiskula fil-kantini. Minn CCTV li sar mill-WSC, irriżulta li l-mejn tad-drenaġġ tal-fuħħar huwa mkisser u anke l-mejn tal-ilma jrid jinbidel. Issa ġa la darba il-pavimetar ġdid u servizzi ġodda fl-ewwel terz tal-isqaq min-naħa tal-pjazza tlestew u issa ser issir triq it-Torri, tagħmel sens li triq Kurat Calleja ssir biex tkun magħluqa bejn dak li sar minn naħa tal-pjazza u dak li ser isir fi triq Torri. Pjazza Torri hija wkoll proġettata li tiġi estiża bil-pavimentar. Din iċ-ċifra ta' hawn fuq fil-lista tinkludi biss pavimentar u għalhekk irid jiġi diskuss il-proġett ma IM biex dawn jibdlu s-servizzi neċessarji u ssir il-pjattaforma tal-konkos qabel jitqiegħed il-madum.

Dawn il-proġetti approvati mill-PW huma diġà ffirmati bejn il-kuntratturi u l-PW.

**REF: 75.5.3 Fanali Dekorattivi Phase 4**
Is-Sindku nforma li għall-fanali dekorattivi ta' *phase 4* qed jikkonkludi l-lista tal-fanali ta' fejn iridu jeħlu għal din l-aħħar żona ta' *Phase 4.*

Il-membri preżenti approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 75.

**76.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**76.3.1 SPI/SCI/1/2024 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta**
Is-Sindku nforma li l-evalwazzjoni tal-Iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025 ġiet konkluża, u l-ġimgħa l-oħra ġew imħabbra l-proġetti magħżula fejn il-proposta tal-Kunsill Lokali tal-Mosta din id-darba ma kienitx ma' dawk magħżula.

**76.3.2 Riżenja ta' Impjegat**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegat is-Sur Sant, li kien għadu kemm ġie mpjegat mal-Kunsill u kien għadu bil-*probation*, tefa r-riżenja. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din id-darba mhux ser terġa tinħareġ sejħa, imma ser jsir *outsourcing* fuq l-*inputting* ta' l-*accounts*.
Il-membri preżenti approvaw li jsir *outsourcing.*

**76.3.3 Traffic Management Targa Gap**
Is-Sindku nforma li *traffic managment* f'Targa Gap għad irid jiġi implimentat mill-Kunsill. Dak taż-żona Industrijali huwa nforma lill-Indis u ma sabux oġġezzjoni li jsir.

**76.3.4 Inawgurazzjonijiet ta' Proġetti**
Is-Sindku nforma li għada l-Ġimgħa 31 ta' Mejju ser jkunu ffirmati żewġ MoU's mal-Public Works fuq ir-riġenerazzjoni tal-ġiebja u ma Project Green fuq ir-riġenerazzjoni tal-ġnien.

Nhar il-Ħadd 2 ta' Ġunju fis 7:30pm ser issir l-inawgurazzjoni ta' Ġnejna Mustija, li fiha sar ix-xogħol mill-Public Works, kif wkoll sar monument ta' l-artist Savio Deguara, b'fondi kulturali mir-Regjun Tramuntana.

Nhar it-Tlieta 4 ta' Ġunju ser isir l-inawgurazzjoni tal-proġett tar-riġenerazzjoni tal-pjazza. Dan ser isir mill-OPM, però l-Kunsill ser jorganizza riċeviment wara.

Nhar l-Erbgħa 5 ta' Ġunju ser isir il-ftuħ uffiċjali tar-riġenerazzjoni ta' ġonna 15 ta' Ottubru ġewwa z-Żokkrija u Ġnien George Grognet de Vasse ġewwa l-Blata l-Għolja.
Is-Sindku nforma li kulħadd huwa mistieden għal dawn l-inawgurazzjonijiet kollha.

**76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**76.4.1 Inawgurazzjonijiet ta' Proġetti**

Il-Kunsillier Cassar ir-rimarka li tajjeb li jsiru proġetti, u li jkunu inawgurati imma li l-inawgurazzjoni issir lejliet elezzjoni dan mhux tajjeb.

Is-Sindku stqarr li l-ħidma matul is-Sindikat tiegħu ma waqfet qatt u ma bdietx issa qabel l-elezzjonijiet. Proġetti mwettqa kienu qed isiru f'kull żmien.

**76.5 Rapporti**

**76.5.1 Development Planning Funds**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**76.5.2 Quarterly Report 1: Jannar sa Marzu 2024**

L-accountant tal-Kunsill nforma li fl-2024 sar *repayment programme* mar-Reġjun biex jitħallsu lura madwar €240,000, nkluż il-pagamenti ta' ġbir ta' skart liema total jammonta għal madwar €400,000. L-accountant nforma li fuq il-ġbir ta' skart rċevejna rifużjoni mid-DLG ta' madwar €150,000 biex jingħata lir-Reġjun, u din is-somma tħallset lir-Reġjun f'April, u għal kumplament tar-rifużjoni lir-Reġjun is-Sindku nnegozja pagamenti bla interessi fuq 60 xahar jew ħames snin bil-patt u kundizzjoni li, l-ħlas minn Jannar 2024 il-quddiem isir immedjatament kif jintbagħat mir-Reġjun lill-Kunsill bla ebda dewmien ta' xejn.

L-*accountant* informa li sa Marzu 2024 il-bilanċ *long term* huwa ta' madwar €335,000.

L-FSI tal-Kunsill sa Marzu 2024 huwa ta' -10% li jammonta għal -€36,000.

Il-membri preżenti approvaw il-Quarterly Report 1: Jannar sa Marzu 2024.

**76.5.3 Audit Financial Statements 2023**

L-accountant tal-Kunsill nforma li għal-*unaudited* Financial Statements 2023 ġew l-awdituri u għamlu l-*audit* tagħhom, u għalhekk qed jiġu ppreżentati l-*audited* Financial Statements 2023.

Paġna 4 - Statement of Comprehensive Income, fejn qed juri li l-Kunsill spiċċa b'*deficit* ta' natura rikorrenti ta' €317,000, jiġifieri meta dħul mqabbel mal-ħruġ fuq natura rikorrenti li ma jinkludux proġetti kapitali, l-Kunsill ħareġ aktar flus milli daħħal.

L-allokazzjoni kienet ta' €1.7 miljun, fejn ħruġ kien hemm ftit aktar min €2 miljuni, u għalhekk intużaw ir-riżervi u t-tfaddil li kellu l-Kunsill.

Paġna 12 - L-allokazzjoni mil-Gvern Ċentrali baqet bażikament l-istess għal 2022 u 2023, fejn kien hemm żieda marġinali ta' €15,000. Dħul ieħor min skemi fejn min €65,000 tlajna għal €93,000.

Dħul min bye-laws min €16,000 tlajna għal €24,000, u mis-sistema ta' l-LES min €11,600 tlajna għal €16,000. Dħul min permessi baqa' prattikament l-istess, u kien hemm tnaqqis mil-avvenimenti kulturali.

Bħala spejjez ta' pagi għandna żieda ta' €30,000 liema ammont huwa bejn wieħed u ieħor ż-żieda ta' mpjegat ħaddiem.

Paġna 14 - Operations and Maintenance prattikament bqajna l-istess fejn kellna €1.1 miljun fl-2022 u l-Kunsill nefaq l-istess ammont fl-2023. Repairs and Upkeep fil-lokalità hemm żieda ta' €40,000. Dwar *street lighting* fl-2022 in-nefqa kienet ta' €40,000, fl-2023 naqset għal €4,000, imma tajjeb li ngħidu li kien hemm ħafna lampi ġodda li dawn jgħaddu bħala spiża kapitali.

Bħala rikorrenti spejjez li żdiedu kienu ta' attivitajiet fil-komunità, fejn min €110,000 fl-2022, in-nefqa żdiedet għal €230,000 fl-2023.

Kien hemm wkoll żieda fid-*depreciation* li tirriżulta mil-proġetti kapitali li saru.

Jekk wieħed jara s-sitwazzjoni akkumulata (Statement of Financial Position paġna 5), il-Kunsill għalaq is-sena b'żieda sostanzjali fil-Fixed Assets, fejn il-valur ta' proġetti kapitali min €973,000 tela għal €1.4 miljun.
Flus il-bank minn €1 miljun naqsu għal €400,000, u Receivables li l-Kunsill kellu jirċievi €500,000.
Is-Sindku stqarr li l-amministrazzjoni tal-Kunsill għandna ssegwi mall-awtoritajiet biex dawn ir-receivables fosthom proġetti ta' DPF jiġu mħallsa lill-Kunsill.
Il-Kunsill qiegħed f'*deficit* akkumulat ta' €217,225 (paġna 23, nota 24).

Il-Kunsillier Cassar staqsa lill-*accountant* tal-Kunsill, jekk il-bilanċ li rridu nirrifondu lura lir-Reġjun, huwiex parti mid-*deficit.* L-*accountant* nforma li s-somma ta' madwar €317,000 hija telf, id-dejn huwa €217,000 li huma l-flus li rridu nagħtu lura lir-Reġjun, fejn fil-verità l-ammont li rridu nagħtu lir-Reġjun huwa madwar €240,000 imma qiegħed €217,000 għax il-Kunsill kellu r-riservi.
L-*accountant* nforma li lir-Reġjun irridu nagħtuhom aktar min €217,000 imma f'dan l-*audit* ma jirriflettix l-arranġament ta' rifużjoni ta' 60 pagament li għamilna mar-Reġjun.
Fi *quarter* 3 tas-sena 2023, sakemm ir-Reġjun indunaw bl-iżball, it-€240,000 qegħdien mniżżlin li kellna noħduwhom mir-Reġjun u mhux inħallsuhom aħna.

Il-membri preżenti approvaw l-Audit Financial Statements 2023.

**76.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**76.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 151.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**76.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**76.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list*.

**76.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-listi tal-*petty cash* li jkopru x-xahar ta' Mejju 2024.

**76.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-8:40pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 24 ta' Ġunju 2024 fis-7:00pm.

Konfermati llum 24 ta' Ġunju 2024, l-aħħar laqgħa tat-tmien leġislatura.

IFFIRMATI
Perit Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv